**Taħriġ il-fehem** **Id-Disa' Sena (Livell 1-2)**

# Titħajru tiktbu għat-teatru?



Stampa meħuda minn *alis.alberta.ca*

Qatt staqsejtu lilkom infuskom, "Imma l-produzzjonijiet teatrali min joħloqhom? Dawk il-karattri interessanti li naraw fuq il-palk u l-istejjer intriganti li jġibu magħhom kif *jitwieldu*?" (Par. 1)

Kif tistgħu tobsru hemm proċess sħiħ sabiex dak il-prodott aħħari jinħema kif suppost, u hu propju fil-bidu tal-proċess li jidħlu l-kittieba li joperaw fil-qasam tal-kultura, dawk li xogħolhom jiffoka fuq it-tfassil tal-istejjer u l-iżvilupp tal-karattri sabiex jinħoloq xogħol teatrali. (Par. 2)

Għax ix-xogħol teatrali mhux biss hu marbut mal-atturi u d-diretturi imma anke mal-kittieba. U jekk qatt ħlomtu li xi darba dawk il-kittieba tkunu intom, nistgħu ngħidulkom li se ssibu bosta għajnuna u *bibien miftuħa*. (Par. 3)

Aħna tkellimna daqsxejn ma' Nicole Bugeja, artista li xogħolha hu propjament li tħarreġ lill-atturi u artisti oħra sabex iħejju ruħhom għal irwoli marbuta mat-teatru. Hi spjegatilna kif l-istudenti li jixtiequ jinvolvu ruħhom f'dan ix-xogħol jistgħu jibdew billi jżuru xi ċentru tal-komunità jew taż-żgħażagħ fir-raħal tagħhom stess. Spiss jiġri li l-aktar kittieba magħrufa, l-istess nies li jtellgħu drammi u proġetti teatrali oħra tant maħbuba minn studenti bħalkom, ikunu bdew il-karriera tagħhom propju hekk, fis-sala tar-raħal. (Par. 4)

Nicole iżżid tgħid li anke studenti ta' età iżgħar m'għandhomx għalfejn joqogħdu jistennew li jkunu jistgħu jattendu dawn iċ-ċentri. Ħafna artisti famużi bdew billi kienu jtellgħu spettakli żgħar fis-salott tal-familja, jgħaqqdu l-kuġini u l-ħbieb sabiex jiktbu storja qasira, u mbagħad jirreċtawha waqt li l-familja tkun miġbura għal xi festin. Nicole ssemmi l-eżempju tal-kittieb famuż Pollakk Stanislaw Wyspiański, li ta' tfajjel li kien tella' teatrini miktuba fid-dar tal-familja. (Par. 5)

L-importanti, issostni Nicole, hu li ma tiddejqu xejn tesperimentaw u timirħu sabiex taraw fejn tista' twassal l-immaġinazzjoni tagħkom. U jekk issibu ruħkom *xotti* mill-ideat, kulma għandkom tagħmlu hu taqbdu xi pittura, diska jew film u tieħdu l-ispirazzjoni minnhom. Ngħidu aħna jekk din il-pittura qed turi raġel fuq żiemel, b'karettun warajh, tistaqsu lilkom infuskom:
**Minn fejn ġie dar-raġel?**
**Fejn sejjer?**
**Għandu xi familja tistennieh?**
**Qed jagħmel xi ħaġa partikolari?**
U bil-mod il-mod taraw kif l-istorja waħedha tibda *tiżvolġi*. (Par. 6)

M'għandniex xi ngħidu, dawn huma biss l-ewwel passi. Jekk imbagħad jidhrilkom li tixtiequ tieħdu l-kitba teatrali aktar bis-serjetà se ssibu diversi skejjel tat-teatru madwar Mata u Għawdex, u dawn jistgħu jiggwidawkom lejn karriera f'dan il-qasam. Il-kunsill Malti għall-Arti wkoll joffri bosta fondi, inizjattivi u għajnuniet biex tkunu tafu minn fejn tistgħu tibdew. (Par. 7)

Meħuda minn **Sagħtar Frar 2024 Ħarġa N. 393 p. 8**

Isem : ________________________ Klassi : ______________________

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha**

1. Imla l-vojt biex is-sentenza tagħmel sens skont dak li qrajt.

L-iskop ta' din il-kitba hu li jinforma u jħajjar tfal u żgħażagħ isiru ______________________________

2. X'żewġ proċessi jesegwixxi l-kittieb, fil-bidu ta' kull kitba teatrali?

a.

---

b.

---

3. Agħżel it-tajba.

Min jixtieq isir awtur m'għandux jaqta' qalbu għaliex

a) huwa tassew faċli wieħed jikteb reċta. ☐

b) se jsib l-għajnuna li għandu bżonn. ☐

ċ jista' jaqra kotba apposta dwar it-teatru. ☐

4. X'inhu xogħol Nicole Bugeja?

---

5. Minn fejn bdew il-karriera teatrali tagħhom ħafna kittieba magħrufa?

---

6. B'liema mod is-salott tad-dar jista' jinbidel f'teatru?

---

7a. Minn fejn hu l-awtur famuż Stanislaw Wyspiański? ____________________

b. Fejn kien itella' l-ewwel r-reċti tiegħu dan l-awtur? ____________________

8. Skont Nicole kif għandu jgħin ruħu min iħossu f'diffikultà biex jikteb?

---

9. X'għandu jagħmel min jitħajjar li jieħu dan il-passatemp tat-teatru b'aktar serjetà?

---

10. Spjega fi kliemek kif taħseb li qed tirrappreżenta t-tema tal-artiklu, l-istampa fil-paġna tat-test (p.1)?

---

---

11. Agħti titlu ġdid lil dan l-artiklu.

---

12. Għal liema udjenza hu mmirat dan l-artiklu?

---

13. Kemm taħseb li huwa faċli li wieħed jaqbad karriera li għandha x'taqsam mat-teatru f'Malta (awtur, direttur, attur, eċċ) u x'għandek tagħmel biex tassew jirnexxilek?

---

---

14. Fisser fi kliemek jew agħti sinonimu għal dan il-kliem kif użati fis-silta:

a) jitwieldu (Par. 1) ____________________

b) xotti (Par. 6) ____________________

ċ) tiżvolġi (Par.6) ____________________

15. Ikteb sentenza **bit-tifsira litterali** (mhux metaforika jew figurattiv) ta' dan il-kliem:

a) jitwieldu ____________________

---

b) xotti ____________________

---



SAGĦTAR

ARTEK

**Titħajru tiktbu għat-teatru?**

Qatt staqsejtu lilkom infuskom, "Imma l-produzzjonijiet teatrali min joħloqhom? Dawk il-karattri interessanti li naraw fuq il-palk u l-istejjer intrigranti li jġibu magħhom, kif jitwieldu?"

Kif tistgħu tobsru hemm proċess sħiħ sabiex dak il-prodott aħħari jinħema kif suppost, u hu propju fil-bidu tal-proċess li jidħlu l-kittieba li joperaw fil-qasam tal-kultura, dawk li xogħolhom jiffoka fuq it-tfassil tal-istejjer u l-iżvilupp tal-karattri sabiex jinħoloq xogħol teatrali.

Għax ix-xogħol teatrali mhux biss marbut mal-atturi u d-diretturi imma anke mal-kittieba. U jekk qatt ħlomtu li xi darba dawk il-kittieba tkunu intom, nistgħu ngħidulkom li se ssibu bosta għajnuna u bibien miftuħa.

Aħna tkellimna daqsxejn ma' Nicole Bugeja, artista li xogħolha hu propjament li tħarreġ lill-atturi u artisti oħra sabiex iħejju ruħhom għal irwoli marbuta mat-teatru. Hi spjegatilna kif l-istudenti li jixtiequ jinvolvu ruħhom f'dan ix-xogħol jistgħu jibdew billi jżuru xi ċentru tal-komunità jew taż-żgħażagħ fir-raħal tagħhom stess. Spiss jiġri li l-aktar kittieba magħrufa, l-istess nies li jtellgħu drammi u proġetti teatrali oħra tant maħbuba minn studenti bħalkom, ikunu bdew il-karriera tagħhom propju hekk, fis-sala tar-raħal.

Nicole żżid tgħid li anke studenti ta' età iżgħar m'għandhomx għalfejn joqogħdu jistennew li jkunu jistgħu jattendu dawn iċ-ċentri. Ħafna artisti famużi bdew billi kienu jtellgħu spettakli żgħar fis-salott tal-familja, jgħaqqdu l-kugini u l-ħbieb sabiex jiktbu storja qasira u mbagħad jirreċtawha waqt li l-familja tkun miġbura għal xi festin. Nicole ssemmi l-eżempju tal-kittieb famuż Pollakk Stanisław Wyspiański, li ta' tfajjel kien itella' teatrini miktuba fid-dar tal-familja.

L-importanti, issostni Nicole, hu li ma tiddejqu xejn tesperimentaw u timirħu sabiex taraw fejn tista' twassal l-immaġinazzjoni tagħkom. U jekk issibu ruħkom xotti mill-ideat, kulma għandkom tagħmlu hu li taqbdu xi pittura, diska jew film u tieħdu l-ispirazzjoni minnhom. Ngħidu aħna jekk dil-pittura qed turi raġel fuq żiemel, b'karettun warajh, staqsu lilkom infuskom:

**Minn fejn ġie dar-raġel?**
**Fejn sejjer?**
**Għandu xi familja tistennieh?**
**Qed jagħmel xi ħaġa partikolari?**

U bil-mod il-mod taraw kif l-istorja waħedha tibda tiżvolġi.

M'għandniex xi ngħidu, dawn huma biss l-ewwel passi. Jekk imbagħad jidħrilkom li tixtiequ tieħdu l-kitba teatrali aktar bis-serjetà se ssibu diversi skejjel tat-teatru madwar Malta u Għawdex, u dawn jistgħu jiggwidawkom lejn karriera f'dan il-qasam. Il-Kunsill Malti għall-Arti wkoll joffri bosta fondi, inizjattivi u għajnuna biex tkunu tafu minn fejn tistgħu tibdew.

8 SAGĦTAR

Sagħtar Frar 2024 Ħarġa N. 393 p. 8

# ARTEK

# Titħajru tiktbu għat-teatru?

**Qatt staqsejtu lilkom infuskom,**

**"Imma l-produzzjonijiet teatrali min joħloqhom?**

**Dawk il-karattri interessanti li naraw fuq il-palk u l-istejjer intrigranti li jġibu magħhom, kif jitwieldu?"**

**Kif tistgħu tobsru hemm proċess sħiħ sabiex dak il-prodott aħħari jinħema kif suppost, u hu propju fil-bidu tal-proċess li jidħlu l-kittieba li joperaw fil-qasam tal-kultura, dawk li xogħolhom jiffoka fuq it-tfassil tal-istejjer u l-iżvilupp tal-karattri sabiex jinħoloq xogħol teatrali.**

**Għax ix-xogħol teatrali mhux biss marbut mal-atturi u d-diretturi imma anke mal-kittieba. U jekk qatt ħlomtu li xi darba dawk il-kittieba tkunu intom, nistgħu ngħidulkom li se ssibu bosta għajnuna u bibien miftuħa.**

Aħna tkellimna daqsxejn ma' Nicole Bugeja, artista li xogħolha hu propjament li tħarreġ lill-atturi u artisti oħra sabiex iħejju ruħhom għal irwoli marbuta mat-teatru. Hi spjegatilna kif l-istudenti li jixtiequ jinvolvu ruħhom f'dan ix-xogħol jistgħu jibdew billi jżuru xi ċentru tal-komunità jew taż-żgħażagħ fir-raħal tagħhom stess. Spiss jiġri li l-aktar kittieba magħrufa, l-istess nies li jtellgħu drammi u proġetti teatrali oħra tant maħbuba minn studenti bħalkom, ikunu bdew il-karriera tagħhom propju hekk, fis-sala tar-raħal.

Nicole żżid tgħid li anke studenti ta' età iżgħar m'għandhomx għalfejn joqogħdu jistennew li jkunu jistgħu jattendu dawn iċ-ċentri. Ħafna artisti famużi bdew billi kienu jtellgħu spettakli żgħar fis-salott tal-familja, jgħaqqdu l-kuġini u l-ħbieb sabiex jiktbu storja qasira u mbagħad jirreċtawha waqt li l-familja tkun miġbura għal xi festin. Nicole ssemmi l-eżempju tal-kittieb famuż Pollakk Stanisław Wyspiański, li ta' tfajjel kien itella' teatrini miktuba fid-dar tal-familja.

L-importanti, issostni Nicole, hu li ma tiddejqu xejn tesperimentaw u timirħu sabiex taraw fejn tista' twassal l-immaġinazzjoni tagħkom. U jekk issibu ruħkom xotti mill-ideat, kulma għandkom tagħmlu hu li taqbdu xi pittura, diska jew film u tieħdu l-ispirazzjoni minnhom. Ngħidu aħna jekk dil-pittura qed turi raġel fuq żiemel, b'karettun warajh, staqsu lilkom infuskom:

**Minn fejn ġie dar-raġel?**
**Fejn sejjer?**
**Għandu xi familja tistennieh?**
**Qed jagħmel xi ħaġa partikolari?**

U bil-mod il-mod taraw kif l-istorja waħedha tibda tiżvolġi.



M'għandniex xi ngħidu, dawn huma biss l-ewwel passi. Jekk imbagħad jidhrilkom li tixtiequ tieħdu l-kitba teatrali aktar bis-serjetà se ssibu diversi skejjel tat-teatru madwar Malta u Għawdex, u dawn jistgħu jiggwidawkom lejn karriera f'dan il-qasam. Il-Kunsill Malti għall-Arti wkoll joffri bosta fondi, inizjattivi u għajnuna biex tkunu tafu minn fejn tistgħu tibdew.